

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 151/2009

tal-4 ta' Diċembru 2009

li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' karatteristiċi, il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta, ir-rekwiżiti tal-irrapportar doppju għan-NACE Rev. 1.1 u n-NACE Rev.2 u d-derogi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tal-11 Marzu 2009 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta' dejta li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' statistika tal-prodotti assoċjati mal-attività (CPA) <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98 <sup>(4)</sup> u (KE) Nru 2702/98 <sup>(5)</sup>, li huma inkorporati fil-Ftehim, huma mħassra mir-Regolament (KE) Nru 250/2009, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tagħhom jibqgħu japplikaw rigward il-ġabra, il-kumpilazzjoni u t-trażmissjoni ta' dejta għas-snin ta' referenza sal-2007 b'din is-sena inkluża.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2701/98 <sup>(6)</sup>, li hu inkorporat fil-Ftehim, hu mħassar mir-Regolament (KE) Nru 251/2009, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tiegħu jibqa' japplika rigward is-serje ta' dejta li għandha tiġi trażmessa għas-snin ta' referenza sal-2007 b'din is-sena inkluża,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 1 (ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat minn:

— **32009 R 0251**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tat-11 ta' Marzu 2009 (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170).”<sup>(1)</sup> ĠU L 334, 17.12.2009, p. 15.<sup>(2)</sup> ĠU L 86, 31.3.2009, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170.<sup>(4)</sup> ĠU L 344, 18.12.1998, p. 49.<sup>(5)</sup> ĠU L 344, 18.12.1998, p. 102.<sup>(6)</sup> ĠU L 344, 18.12.1998, p. 81.

2. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 1j (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2003):

“1k. **32009 R 0250**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' karatteristiċi, il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta, ir-rekwiżiti tal-irrapportar doppju għan-NACE Rev. 1.1 u n-NACE Rev.2 u d-derogi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 1)

1 l. **32009 R 0251**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta' dejta li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' statistika tal-prodotti assoċjati mal-attività (CPA) (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

il-Liechtenstein hu eżentat mill-ġbir tad-dejta tas-serje tad-9C u 9D skont l-Anness 1. Il-Liechtenstein għandu jforni dejta tal-livell ta' tqassim tal-attività skont il-livell ta' żewġ ċifri biss ta' NACE Rev.2.”

3. It-test ta' adattament li ġej għandu jiżdied mal-punti 1a (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98) u 1c (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2702/98):

“Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 250/2009, dan ir-Regolament huwa mħassar. Id-dispożizzjonijiet għandhom, madankollu, ikomplu japplikaw fir-rigward tal-ġbir, tal-kompilazzjoni u tat-trażmissjoni ta' dejta għas-snin ta' referenza sal-2007 b'din is-sena inkluża.”

4. It-test ta' adattament li ġej għandu jiżdied fil-punt 1b (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2701/98):

“Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 251/2009, dan ir-Regolament huwa mħassar. Id-dispożizzjonijiet għandhom, madankollu, ikomplu japplikaw fir-rigward tas-serje ta' dejta li għandha tiġi trażmessa għas-snin ta' referenza sal-2007 b'din is-sena inkluża.”

#### Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 250/2009 u 251/2009 fl-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

(\*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*  
Oda Helen SLETNES

---